MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 300/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**CARMELA PARNIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmela Parnis ta' 37 sena, bint Joseph Laus u Maria Dolores nee' Grech, mwielda Peta fis- 17 ta' Jannar 1975, residenti 76, Bini tal- Gvern Indipendenza, Flat 2, Triq San Nikola, Valletta u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin-numru 485586M;

Talli nha rit- 8 ta' Jannar 2012 fil- Belt Valletta, iddenunzjat lill- Pulizija Ezekuttiva reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil- qerq halqet tracci ta' reat b' mod li jistghu

jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-istadju ta’ gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 110(2) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------